

Brussell, 22 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

14297/19

LIMITE

COSI 239  
ENFOPOL 508  
ENFOCUSTOM 196  
FRONT 333  
DAPIX 346  
CYBER 322  
JAI 1217

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Id-direzzjoni futura tas-Sigurtà Interna tal-UE - Eżitu tad-diskussjonijiet - Rapport tal-Presidenza

---

L-ambjent ta' sigurtà li qed jinbidel b'rata mgħagħġa jeħtieġ approċċ integrat biex jiġu indirizzati theddid u sfidi ġodda. Approċċ komprensiv għas-sigurtà interna huwa mod vijabbli biex jiġi indirizzat it-theddid li huwa aktar kumpless u varjat minn qabel, billi jippermetti approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi għar-risposti pprovduti.

Fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika 2019 - 2024 fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, il-Presidenza mexxiet sensiela ta' diskussjonijiet tematiċi biex tapprofondixxi r-riflessjoni dwar it-triq 'il quddiem rigward id-direzzjoni futura tas-sigurtà interna tal-UE. Il-Presidenza spjegat tliet prinċipji fundamentali biex jiggwidaw dawn il-riflessjonijiet: l-offerta ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja liċ-ċittadini tagħha; il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni; u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni.

F'Lulju 2019 ingħata bidu għad-diskussjonijiet fil-laqgħa informali tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI), bi tnejn għall-Kunsill informali Ġustizzja u Affarijiet Interni (Kunsill ĠAI), billi tqajmu għadd ta' suġġetti orizzontali ewlenin<sup>1</sup>. Saru diskussjonijiet tematiċi wkoll fil-gruppi ta' ħidma rilevanti, bħall-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (LEWP), il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (TWP) u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Infurmazzjoni (DAPIX IE), u tnejn aktar fil-COSI għad-dibattitu ministerjali. Għadd ta' suġġetti ġew indirizzati fid-dettall, pereżempju t-tisħiħ tal-qafas ta' kooperazzjoni operazzjonali għall-infurzar tal-liġi, l-impatt ta' teknoloġiji ġodda u t-theddid ibridu fuq is-sigurtà interna, ir-rwol tal-aġenziji tal-ĠAI tal-UE, il-ġestjoni tal-infurmazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tagħha, u t-taħriġ għal-LEA. Il-fergħat dettaljati ta' dawn id-diskussjonijiet huma ppreżentati fid-dokumenti prodotti għad-diversi laqgħat u elenkati fl-anness għal dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ikopri aspetti magħżula, li jirriflettu l-fehma tal-Presidenza dwar il-kwistjonijiet ewlenin li ħarġu minn dawn id-dibattiti li għandhom jiġu trasferiti għaċ-ċiklu legiſlattiv 2019-2024.

## **1. Approċċ proattiv għat-teknoloġiji l-ġodda**

L-iżviluppi teknoloġiċi għandhom impatt kbir fuq il-ħajja taċ-ċittadini tal-UE u sussegwentement fuq il-ħidma tal-infurzar tal-liġi. Dawn l-iżviluppi kollha, bħall-intelliġenza artifiċjali, il-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, in-netwerks ġodda ta' komunikazzjoni u l-ambjenti online, fost ħafna oħrajn, jistgħu jappoġġaw il-ħidma tal-awtoritajiet, iżda jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet illegali. Pereżempju, kemm l-infurzar tal-liġi kif ukoll dawk li jintervjenu l-ewwel jistgħu jagħmlu użu mid-drones, bħal fil-ħidma kontra t-terroriżmu u rispettivament wara li jkun sar attakk terroristiku. Il-pass dejjem jiżdied tal-innovazzjoni huwa ta' sfida għall-kapaċità tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi biex jadattaw għad-dinja teknoloġika li qed tiżviluppa b'rata mgħaġġla. Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni, ikun meħtieġ li jiġi vvalutat il-punt sa fejn l-oqfsa legali li fihom joperaw l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-aġenziji rilevanti tal-UE jikkorrispondu għall-ħtiġijiet attwali<sup>2</sup>. Il-preservazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali għandhom isostnu kwalunkwe żvilupp bħal dan, filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti stretti dwar l-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi, li jirriżultaw mill-qafas ta' protezzjoni tad-data, fejn l-Unjoni għandha pożizzjoni ta' tmexxija fl-istabbiliment tal-istandards.

---

<sup>1</sup> Id-dokument tal-Presidenza dwar id-direzzjoni futura tas-sigurtà interna fl-UE (WK 13264/19)

<sup>2</sup> Id-dokumenti 12496/19 u 12224/19, Teknoloġiji ġodda u sigurtà interna

L-għan huwa li l-infurzar tal-liġi tal-UE jingħata rwol proattiv sabiex ikun jista' jibbenefika minn teknoloġiji ġodda, filwaqt li jiġu antiċipati u kkontrollati r-riskji assoċjati magħhom. F'dan il-qasam jenħtieġ approċċ integrat u komprensiv fil-livell tal-UE. Il-ħolqien ta' laboratorju ta' innovazzjoni konġunt fi ħdan il-Europol biex jiġu sfruttati l-iżviluppi u x-xejriet teknoloġiċi, l-innovazzjoni u r-riċerka, u biex tiġi vvalutata r-rilevanza potenzjali tagħhom għall-infurzar tal-liġi u d-djalogu mal-industrija u d-dinja akkademika jappoġġa dan l-għan. L-isfruttament sħiħ ta' teknoloġiji ġodda jeħtieġ riċerka u taħriġ kostanti. Iċ-ċentralizzazzjoni ta' ċerti attivitajiet u l-għbir flimkien tar-riżultati tal-ħidma tan-netwerks eżistenti, fi ħdan il-laboratorju tal-innovazzjoni, iġibu magħhom benefiċċji f'termini ta' razjonalizzazzjoni u kosteffiċjenza, speċjalment f'oqsma fejn l-Istati Membri m'għandhomx biżżejjed riżorsi biex jaġixxu waħedhom jew fejn hemm valur miżjud meta jaġixxu flimkien u jiskambjaw l-aħjar prassi.

Peress li r-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku spiss iseħħu fl-universitajiet u fis-settur privat, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma involuti fi stadju relattivament tard. Sabiex jittieħed kont tat-tħassib tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-futur, il-Presidenza tqis li għandhom isiru sforzi biex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiġu involuti b'mod proattiv fil-proċessi tal-iżvilupp teknoloġiku mill-bidu nett, b'mod partikolari billi tissaħħaħ aktar il-parteċipazzjoni u l-koordinazzjoni tal-prattikanti tal-infurzar tal-liġi fil-programmi ta' riċerka u żvilupp għas-sigurtà ffinanzjati mill-UE.

*Il-Presidenza tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex ikunu involuti b'mod proattiv fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda. Il-laboratorju tal-innovazzjoni għandu jiffunzjona bħala pjattaforma biex isostni dan l-għan. Huwa importanti li l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu magħrufa u jittieħed kont tagħhom fi stadju bikri meta jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda li jinfluwenzaw il-ħidma tagħhom jew li huma meħtieġa għal rispons aktar effettiv tal-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, is-sigurtà interna u l-interessi tal-infurzar tal-liġi għandhom jitqiesu aħjar fil-leġislazzjoni relatata ma' teknoloġiji ġodda sabiex jitnaqqsu l-limitazzjonijiet fil-qafas legali, b'mod partikolari billi dawn jiġu indirizzati sistematikament fil-valutazzjonijiet tat-tħeddid.*

## 2. Ġestjoni effettiva tal-informazzjoni

Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE ser tkun ibbażata dejjem aktar fuq soluzzjonijiet teknoloġiċi u sistemi ta' informazzjoni aħjar u aktar effiċjenti u fuq l-interoperabbiltà tagħhom<sup>3</sup>. F'era ta' volumi kbar ta' data diġitali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom aċċess għal aktar data u informazzjoni minn qatt qabel. Dan jeħtieġ li jkun rifless fis-soluzzjonijiet u l-kapaċità tekniċi offruti. Fl-istess ħin, statistika importanti dwar diversi oqsma ta' kriminalità hija nieqsa. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li s-sistemi tal-informazzjoni jiġu pprovduti b'data ta' kwalità għolja u kompluta u li jintużaw b'mod effettiv. Irridu niżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jkollhom aċċess għal dawn is-sistemi u li jkunu mħarrġa biżżejjed biex ikun jista' jsir l-użu sħiħ tagħhom.

L-analiżi kriminali tibqa' fil-qalba tal-infurzar tal-liġi. L-analiżi tipprovdni l-valur miżjud għal data mhux ipproċessata li tirrendiha f'informazzjoni azzjonabbli li tista' tintuża fuq livell nazzjonali, kif ukoll f'operazzjonijiet transkonfinali madwar l-UE. Madankollu, hija nieqsa u meħtieġa viżjoni ċara tal-istandards fil-livell tal-UE għall-analiżi tal-kriminalità. Fi kwalunkwe każ, l-analiżi hija element integrali tal-proċessi kollha ta' informazzjoni fi ħdan l-infurzar tal-liġi. Dan jeħtieġ riżorsi umani u finanzjarji biżżejjed biex tiġi pproċessata u analizzata l-informazzjoni. It-titjib b'suċċess u l-istandardizzazzjoni tal-analiżi għalhekk jeħtieġu fehim aħjar tal-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi inġenerali u tad-diversi proċessi ta' informazzjoni involuti b'mod partikolari, inkluż dawk ta' investigazzjoni kriminali u ġbir ta' intelligence kriminali.

Ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà<sup>4</sup> daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019. L-iżgurar tal-implimentazzjoni effiċjenti tar-Regolamenti huwa ta' importanza kritika. Din ir-rivoluzzjoni teknoloġika tas-sistemi tal-IT tal-UE ser teħtieġ ammont kbir ta' riżorsi u konformità mal-iskeda ta' żmien, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri. Filwaqt li tinbena l-arkitettura tal-interoperabbiltà, huwa importanti li s-soluzzjonijiet tekniċi dejjem iqisu l-ħtiġijiet tal-utenti finali. Barra minn hekk, huwa kruċjali li jiġi pprovdut taħriġ xieraq u kontinwu għall-utenti finali sabiex dawn ikunu jistgħu jużaw dawn is-sistemi ta' informazzjoni ġodda u tiġi kkompletata l-interoperabbiltà tagħhom. Huwa ċar li l-interoperabbiltà tmur ferm lil hinn mill-iżvilupp ta' sistemi tal-IT; tinvolvi wkoll bidla fil-mentalità. Għalhekk, l-implimentazzjoni b'suċċess teħtieġ ukoll bidla fil-kulturi operazzjonali u amministrattivi tagħna.

<sup>3</sup> Id-dokument 13510/19, Ġestjoni tal-informazzjoni tal-UE – l-awtomatizzazzjoni, l-aċċess, l-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni.

<sup>4</sup> UE 2019/817 u UE 2019/818.

Fuq skala usa', l-iskambju ta' informazzjoni msaħħaħ mhuwiex biss żvilupp tekniku. Biex jinkisbu l-benefiċċji mixtieqa, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kompetenzi, ir-riżorsi u l-interfaċċi tal-utent finali fil-livell nazzjonali huma adattati għall-fini tagħhom. L-informazzjoni mhijiex valur assolut; jeħtieġ li tkun tista' tintuża u twassal għal azzjoni. Mingħajr l-implimentazzjoni xierqa, dawn l-iżviluppi u l-benefiċċji tagħhom jistgħu jiġu pperikolati.

Flimkien ma' investigazzjoni effettiva, il-ħidma tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li tkun iffukata b'mod ugwali fuq il-prevenzjoni u t-tfixkil tal-kriminalità. Informazzjoni effettiva u ta' kwalità għolja fil-post it-tajjeb u fil-ħin it-tajjeb tikkontribwixxi għal dan l-objettiv. Fir-rigward tal-infurzar tal-liġi bbażat fuq l-intelligence, il-Europol u l-Frontex huma f'pożizzjoni ideali biex jappoġġaw din il-ħidma bil-kapaċitajiet analitiċi tagħhom, inkluż billi jkollhom aċċess usa' għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), sakemm l-Istati Membri jipprovdulhom b'mod sistematiku data mhux ipproċessata ta' kwalità għolja.

*Il-Presidenza tappella għal qafas komprensiv ta' ġestjoni tal-informazzjoni tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha eżistenti meħtieġa tkun aċċessibbli, ipproċessata u skambjata malajr u b'mod effiċjenti sabiex tagħti lok għal azzjoni mmexxija mill-intelligence.*

### **3. Kooperazzjoni transkonfinali multidixxiplinari**

It-tiżiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali transettorjali permezz tat-tnaqqis tad-duplikazzjoni u ż-żieda tal-koordinazzjoni effettiva huma kruċjali għal azzjoni ta' suċċess. Minħabba n-natura trasversali dejjem tevolvi ta' diversi theddidiet għas-sigurtà, bħall-armi CBRN u l-attivitajiet ibridi, l-azzjonijiet meħuda bħala rispons għal dawn l-attivitajiet u l-prevenzjoni tagħhom jeħtieġu approċċ orizzontali, filwaqt li titqies il-kompetenza tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali. Jeħtieġ approċċ integrat u koerenti biex tiġi żgurata kooperazzjoni operazzjonali multidixxiplinari, li tmur lil hinn mill-kooperazzjoni transkonfinali fl-infurzar tal-liġi, u b'hekk jiġu involuti wkoll awtoritajiet oħra, bħall-atturi tal-protezzjoni ċivili.

Id-differenzi fil-proċessi nazzjonali għat-teħid ta' deċiżjonijiet, fil-leġislazzjoni u fil-mudelli operattivi huma sfidi kbar għall-kooperazzjoni transkonfinali operazzjonali. Barra minn hekk, inkonsistenzi fi Prattiki nazzjonali ta' għbir u pproċessar ta' data, li jirriżultaw minn differenzi bejn Stati Membri individwali f'termini ta' sistemi amministrattivi, soluzzjonijiet tekniċi u arranġamenti funzjonali, itellfu l-kooperazzjoni transkonfinali. Sfida oħra tinvolvi l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli għall-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, bħal pereżempju l-indirizzar ta' frekwenzi tar-radju inkompatibbli f'żoni mal-fruntiera, l-ostakli lingwistiċi u l-ħtieġa li l-bażijiet ġuridiċi eżistenti jiġu ssupplimentati bi ftehimiet bilaterali f'aktar dettall.

F'sitwazzjonijiet urġenti, l-entitajiet nazzjonali jistgħu ma jkunux konxji tal-firxa ta' alternattivi operazzjonali – li huma frammentati f'diversi strumenti tal-UE – u tal-kanali ta' skambju ta' informazzjoni disponibbli.

Il-kooperazzjoni operazzjonali multidixxiplinari bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandha tiġi intensifikata bl-iżvilupp u l-użu ta' metodi ġodda ta' ħidma flimkien u ta' skambju ta' informazzjoni, waqt li tiddependi fuq applikazzjonijiet u għodod teknoloġiċi ġodda. Dawn l-applikazzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, sistemi awtonomi mingħajr persunal, teknoloġiji tar-rikonossiment awtomatiku tal-pjanċi jew interfaċċi ta' tfittxija unika għall-bażijiet ta' data disponibbli. Huwa ċar li hemm momentum u opportunità biex dan l-iżvilupp jitkompla u jiġi appoġġat aktar.

It-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ huma saħansitra aktar importanti fl-isfruttament tal-possibilitajiet eżistenti kollha u fit-tnejn għal sfidi futuri. It-taħriġ ipprovdut mill-aġenziji tal-UE għandu jintuża b'mod effiċjenti. Fl-istess ħin, għandu jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-aġenziji tal-UE jikkomplementaw lil xulxin u li jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet.

Irridu nqisu d-differenzi reġjonali u l-ispeċifitajiet nazzjonali, filwaqt li nimmiraw għal kultura ta' infurzar tal-liġi komuni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE. It-titjib tal-ħiliet lingwistiċi, it-tagħlim tal-kulturi ta' xulxin u l-iskambju tal-aħjar Prattiki jgħinu biex ikunu mifhuma aħjar id-differenzi reġjonali u kulturali u jappoġġaw l-għan komuni.

L-arranġamenti bilaterali u multilaterali jibqgħu importanti għall-kooperazzjoni lokali u reġjonali u hija meħtieġa flessibbiltà biex jiġi żgurat ir-rispett għad-diversità reġjonali u l-interessi operazzjonali differenti. Id-definizzjoni tad-diviżjoni tar-responsabbiltajiet, il-ġurisdizzjoni u s-sovranità jeħtieġ li titqies fi kwalunkwe żvilupp futur.

L-aġenziji tal-ĠAI tal-UE għad għandhom rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri fil-mandati rispettivi tagħhom. Huwa ġeneralment aċċettat li kooperazzjoni transkonfinali vera bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, appoġġata b'mod qawwi mill-aġenziji rilevanti tal-UE, hija l-aktar mod vijabbli biex wieħed jipproċedi lejn Unjoni tas-Sigurtà u biex jiġi indirizzat it-theddid kemm eżistenti kif ukoll ġdid f'ambjent li dejjem qed jevolvi b'mod sostenibbli<sup>5</sup>.

Għaldaqstant, żviluppi futuri fil-qasam tas-sigurtà interna jkunu jeħtieġu rwol attiv kontinwu għall-aġenziji, li jinvolvi żieda mistennija fil-volum ta' kompiti eżistenti u responsabbiltajiet ġodda, riżultat tal-ħtiġijiet politiċi kif ukoll operazzjonali. Minħabba l-limitazzjonijiet tar-riżorsi, hemm il-ħtieġa li jiġi diskuss il-kuntest li fih l-aġenziji jistgħu joħolqu valur miżjud b'mod l-aktar effettiv, pereżempju żoni fejn l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li jiksbu aċċess għal riżorsi jew tagħmir tekniku billi jiġbru r-riżorsi flimkien, fejn il-kapaċitajiet ta' analiżi tad-data jistgħu jittejjbu, u fejn jista' jingħata appoġġ operazzjonali aktar b'saħħtu. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji trasparenti biex jiġi deċiż f'liema oqsma l-Istati Membri jeħtieġu l-aktar appoġġ, filwaqt li jitqiesu l-avvanzi teknoloġiċi u materjal speċifiku jew ħtiġijiet oħra ta' riżorsi. Meta jiġi żviluppat ir-rwol tal-aġenziji, l-għan għandu jkun soluzzjoni bbilanċjata li tqis il-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Huwa essenzjali li jiġi applikat approċċ koordinat u olistiku sabiex jittejjbu l-għarfien espert u l-punti ta' saħħa fil-qalba ta' kull aġenzija kif ukoll biex jinħoloq valur miżjud b'mod kosteffettiv u mingħajr ma jinħolqu duplikazzjonijiet fil-kompiti u l-funzjonijiet.

Hemm bżonn ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni u kooperazzjoni aktar fil-fond bejn l-aġenziji, peress li t-theddid eżistenti u emerġenti fis-sigurtà interna qed isir dejjem aktar kumpless u transkonfinali fin-natura tiegħu. Hemm ukoll il-ħtieġa għal interazzjoni aktar effettiva ma' partijiet privati fil-qafas tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. B'mod partikolari, hemm bżonn li tiġi vvalutata l-bażi ġuridika tal-Europol biex titlob u tirċievi data personali direttament minn partijiet privati<sup>6</sup>.

---

<sup>5</sup> Ir-rwol tal-aġenziji tal-UE ġie indirizzat speċifikament f'iCOSI u f'ICouncil f'Lulju, WK 13271/19 u WK 13266/19 u kien tema trasversali tul id-dibattiti kollha.

<sup>6</sup> Id-diskussjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati saru fl-LEWP: id-dokumenti 10494/19, 11832/19, 12858/1/19.

Sabiex jissaħħaħ l-approċċ multidixxiplinari tal-Europol fl-infurzar tal-liġi fit-tul, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Doganali u l-Europol għandha tkompli tiġi żviluppata billi jiżdied l-għadd ta' uffiċjali ta' kollegament doganali fl-Europol, jiġi promoss l-użu ta' SIENA mid-dwana fl-Istati Membri kollha tal-UE, u jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni regolari u strutturat bejn il-partijiet inkluż il-ġestjoni tar-riskju u l-informazzjoni ta' intelligence. L-għan fuq medda qasira ta' żmien għandu jkun li tissaħħaħ il-kontribuzzjoni Doganali u l-integrazzjoni għall-implimentazzjoni tal-OAPs tal-EMPACT. Dawn l-azzjonijiet ikomplu bl-iżvilupp pożittiv fil-kooperazzjoni bejn id-dwana u l-Europol ta' dawn l-aħħar snin.

Jeħtieġ li jiġu indirizzati l-isfidi fil-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Interpol. Huwa importanti li l-bażijiet ta' data li jservu bħala sorsi ewlenin ta' informazzjoni għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi ma' pajjiżi terzi jibqgħu f'użu effettiv mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE fil-futur. Fl-istess ħin, naturalment jeħtieġ li l-leġislazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data tiġi rrispettata bis-sħiħ.

*Il-Presidenza tissottolinja l-ħtieġa għal reviżjoni tal-qafas legali għall-kooperazzjoni transkonfinali fl-infurzar tal-liġi u l-mandat tal-Europol sabiex tiġi adattata għar-realtajiet attwali u l-isfidi futuri. L-iżvilupp ta' kultura komuni tal-infurzar tal-liġi fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE għandu jiġi appoġġat aktar.*

#### **4. Approċċ komprensiv għas-sigurtà**

Għadd ta' xejriet u żviluppi jistgħu jkunu mistennija li jseħħu fil-futur qrib li ser jaffettwaw ix-xenarju ta' theddid fl-UE. Il-kriminalità għadha qed tkun xprunata mid-domanda kif ukoll id-disponibbiltà ta' opportunitajiet għal impriżi kriminali. Barra minn hekk, il-bidliet fis-sigurtà fir-reġjuni ġirien u diversi forom ta' radikalizzazzjoni vjolenti fl-Ewropa għadhom ta' theddida għas-sigurtà interna tagħna. Approċċ komprensiv lejn is-sigurtà b'koordinazzjoni, riżorsi u kapaċitajiet teknoloġiċi aħjar jeħtieġ għarfien aħjar tas-sitwazzjoni u tħejjija aħjar għal varjetà ta' sfidi.

L-infurzar tal-liġi, il-protezzjoni ċivili u awtoritajiet rilevanti oħra għandhom ikomplu jiżviluppaw it-tnejn tagħhom biex jiġi miġġieled it-tlied id ibridu. Jeħtieġ li l-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-għieda kontra t-tlied id ibridu bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, abbażi tal-mandati rispettivi tagħhom, kif ukoll l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna, tiġi kontinwament imtejba u integrata. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiżiedu s-sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, inkluż permezz ta' metodi ta' ħidma orizzontali, aktar skambju ta' informazzjoni, u taħriġ u eżerċizzji fis-setturi kollha.

Hija enfasizzata l-ħtieġa li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar id-dimensjoni interna tat-tlied id ibridu, b'mod partikolari dwar ir-rwoli tal-aġenziji tal-ĠAI biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-UE u tal-Istati Membri biex jidentifikaw azzjonijiet ibridi u s-sorsi tagħhom.

Barra minn hekk, il-għieda effettiva kontra d-diżinformazzjoni teħtieġ approċċ komprensiv. Fuq l-istess linji, il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż fil-mekkaniżmi eżistenti tal-UE, bħas-Sistema ta' Twissija Bikrija, għandha tiġi kkunsidrata. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jsaħħu r-reżiljenza tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, u jeħtieġ li titqies il-għieda kontra d-diżinformazzjoni<sup>7</sup>. Il-Presidenza tenfasizza l-ħtieġa għall-użu aħjar tal-għodod eżistenti u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni olistika fil-livell tal-UE. L-appoġġ tal-aġenziji tal-ĠAI għall-Istati Membri għandu jiġi indirizzat ukoll f'dan il-kuntest.

L-użu tat-teknoloġija u l-internet fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet kriminali ser ikompli jikber. Pereżempju, l-użu ta' pjattaformi online kemm fuq is-surface web kif ukoll fuq id-dark web għall-kummerċ f'firxa wiesgħa ta' oġġetti illeċiti huwa mistenni li jiżied. Barra minn hekk, l-isfera online tista' effettivament tintuża ħażin biex tirradikalizza, tirrekluta u tinċita għall-vjolenza. It-tixrid ta' kontenut online ta' terroriżmu u ta' abbuż tat-tfal għandu jiġi evitat b'mod effiċjenti u l-kontenut rilevanti għandu jitneħħa malajr.

---

<sup>7</sup> Theddid ibridu u sigurtà interna: Komunikazzjoni Strateġika tal-Infurzar tal-Liġi u l-Indirizzar tad-Diżinformazzjoni (11831/19).

Barra minn hekk, ir-rwol tal-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti bħala parti integrali minn approċċ komprensiv għall-ġlieda kontra t-terroriżmu huwa enfasizzat. L-involvement mal-operaturi fl-ewwel linja u l-appoġġ li jingħataw jibqgħu essenzjali biex jipprevjenu u jiġġieldu l-estremiżmu vjolenti. Hemm bżonn li jiġi indirizzat l-estremiżmu vjolenti b'motivazzjoni politika jew ideoloġika fil-forom kollha tiegħu. Minn issa 'l quddiem, l-enfasi fuq il-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu għandha tkompli tissawwar bl-użu ta' approċċ fuq bażi wiesgħa, filwaqt li jitqiesu wkoll ix-xejriet emerġenti fl-estremiżmu vjolenti.

It-theddid mill-estremiżmu u t-terroriżmu tal-lemin vjolenti jeħtieġ li jiġi miġġieled permezz tal-ħolqien ta' ħarsa ġenerali aħjar tas-sitwazzjoni, il-kondiviżjoni kontinwa ta' prattiki tajba, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi importanti, u l-ġlieda kontra t-tixrid ta' kontenut illegali ta' estremiżmu lemini kemm online kif ukoll offline. L-isfida ta' ġellieda terroristi barranin li jirritornaw għandha tiġi indirizzata, inkluż permezz tal-użu aktar effiċjenti tas-SIS.

*Il-Presidenza tissottolinja l-ħtieġa għal approċċ komprensiv u tas-soċjetà kollha għas-sigurtà sabiex jiġu indirizzati diversi theddidiet għas-sigurtà interna. Hija enfasizzata l-importanza li ssir ħidma fis-setturi ta' politika rilevanti kollha b'mod aktar strateġiku, ikkoordinat u koerenti.*

<b>Subject</b>	<b>Meeting</b>	<b>Reference Number</b>
<b>Future Direction of internal security in the EU</b>	Informal COSI meeting on 8-9 July 2019, The Hague	WK 13264/19
<b>Hybrid threats and internal security</b>	Informal COSI meeting on 8-9 July 2019, The Hague	WK 13265/19
<b>Twenty Years of Europol - what next?</b>	Informal COSI meeting on 8-9 July 2019, The Hague	WK 13266/19
<b>The future of EU Internal Security</b>	Informal Council meeting on 18-19 July 2019, Helsinki	WK 13271/19
<b>The future direction of EU internal security: new technologies and internal security</b>	JHA Council on 2 October 2019	12496/19
<b>Hybrid threats and Internal Security</b>	JHA Council on 2 October 2019	12495/19
<b>Right-wing violent extremism and terrorism</b>	JHA Council on 2 October 2019	12494/19
<b>EU Information Management - Automation, access to, sharing of, and analysis of information</b>	COSI meeting on 19 November 2019	13510/19
<b>The future of EU law enforcement: Training for law enforcement</b>	COSI meeting on 19 November 2019	13973/19